# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 16/2024

**Data tal-laqgħa:** 9 ta' Mejju , 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 16.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

16.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 15

16.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 15 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mil- Viċi Sindku Bernice Caruaa dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-sindku wassal kommunikat rigward talba mil-Agenzija tal-Litteriżmu biex isir sessjonjijet tal-Qari ġewwa l-Librerija u biex isir reklamar ta' dawn is-sessjonijiet fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kusill

16.3.2 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward.

16.3.2 Kien hemm kommunikat mis-Sindku li l-AKL ħa torganizza sezzjonjiejit ta' taħriġ rigward mobilita' urbana u l-kunsilliera huma mħeġġa li jattendu. Dawn is-sessjonijiet ħa jsir f'Ottubru, 2025.

16.3.3 Kommunikat ieħor li ġie mwassal mis-Sindku kien fuq attivita' li qed toffri l-Esplora għall-anzjani. Dan il-kommunikat kien diġà intbagħat bħala imejl lill-membri qabel il-laqgħa. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjativa u ħa ssir riservazzjoni għas- 16 ta' Settembru, 2025.

## 16.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillera

16.4.1 F'dan l-istadju l-Kunsilleri ma' kellhom l-ebda mistoqsijiet li riedu jkunu mwieġba.

## 16.5 Tender li għalqu

16.5.1 Tender Perit: Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li t-tender mal-Perit Anthony Bezzina f'isem MED Developers, Designers and Consultants Ltd jerġa' jiġġeded.

16.5.2 Tender Koperattiva Tabelli u Sinjali tat- Traffiku: Rigward dan it-tender il-Kusill qabel li jerġa' jiġi revisit biex ikun hemm xi kjarifiki rigwrad x'joffri t-tender. Kif isiru dawn il-kjarifiki il-Kunsill qabel li dan it-tender jista' jiġi mġeded.

16.5.3 Tender Bulky Refuse: Il-Kunsill qabel li dan it-tender jiġi mġeded u jkun hemm kjarifika ċara fuq l-ammont li jinġabar.

16.5.4 Tender fuq ġardinaġġ: Is-Sindku Matthew Agius Zammit flimkien mal-kunsiller Joseph Schembri ħa jagħmlu laqgħa fejnħa jiddiskutu r-rekwiżiti tal-ġardinaġġ biex fuqhom ikunjista jiġi mfassal it-tender.

## 16.6 Quarterly Report

16.6.1 Ġie preżentat u spjegat il-quarterly report lill-membri. Fejn ġie diskuss l-infieq u d-dħul li kellu l-Kunisll fl-ewwel kwart tas-sena. Ġie spjegat li kien hemm xi ammonti bl-aħmar u dawn ħa jiġu dikussi mal-accountant u wara ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

## 16.7 IrkottaFest

16.7.1. Is-Sindku wassal kommunikat li organiżżatur li kien ta' sehmu f'Irkottafest preċedenti ried jerġa' jofri s-servizz tiegħu.

16.6.7.1 Wara li l-membri ddiskutu u ġie evalwat li ħafna mis-servizzi qed isiru diġa minn bosta membri tal-kunsill stess; ħa jiġi offrut lil din il-persuna li tati tliet servizzi mil-lista li ppropona; li huma kommunikat fuq stands, il-mappa u li jkun preżenti għall-attivita għal-prezz ta' €250.

## 16.8 Klabb tal-Boċċi

16.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit esprima l-ħsieb li wara li l-Kunsill nefaq ammont ta' flus biex jiġi rranġat il-Klabb tal-boċċi u anke għal raġunjiet oħra

fosthom biex iċ-ċentru LEAP ma jitneħix minn entitajiet oħra; il-kunsill qed jitlob devoluzzjoi tal-Klabb tal-boċċi.

16.8.2 Ma' dan, il-Kunsill qabel b'mod unanimu u ħa tibda l-proċedura għad-devoluzzjoni tal-Klabb tal-boċċi.

## 16.9 Jum u Ġieh Ħal Kirkop

16.9.1 Il-Kunsill qabel li Ġieh Ħal Kirkop jingħata lis-Sur Henry Massa

16.9.2 Qabel ukoll li jkun hemm bosta rikonoxximenti għal-attivitajiet varji u li din tiġi diskussa f'laqgħa li ssir proprju għal Ġieh u Jum Ħal Kirkop.

16.9.3 Kien hemm qbil ukoll li ċ-ċerimonja ssir fuq barra f' Misraħ San Leonardu.

16.9.4 Il-membri resqu n-nominazzjonijet tagħhom għar-rikonoxximenti u fuq dan kien hemm qbil unanimu.

16.9.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit iddiskuta li kellu x-xewqa li qabel Jum Ħal Kirkop jiltaqa' mas-Sindki preċedenti u jiddiskutu x'sar f'Ħal Kirkop matul iż-żminijiet, imbagħad waqt is-serat jkun hemm tip ta' diskussjoni fejn dawn jippreżentaw xi twetaq matul dawk is-snin.

16.9.5.1 Għalkemm din l-idea ġiet mħeġġa wkoll mil-Viċi Sindku Bernice Caruana, il-Kunsillera rimanenti; Joseph Schembri, Ritienne Caruana u Loranna Bonnici ma qablux ma' dan; għalhekk dan ma setax iseħħ.

16.9.5.2 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li hemm ix-xewqa li jmorru xi ħaġa iktar mis-snin preċedenti u li dan ħa jiġi diskuss fil-laqgħa li ħa ssir fejn jiġu diskuss Jum Ħal Kirkop.

## 16.10 Rapport ta' Lmenti

16.10.1 Il-Kunsilliera Ritienne waslet ilment li qed ikun hemm ħabba l-ammont ta' qtates jiġru barra. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinħoloq programm għal Cat Feeders. Fejn ikun hemm programm ta' 'neuturing'u ma' dan il-membri qablu kollha.

16.10.2 Il-Kunsillera Loranna Bonnici waslet lment li kellha minn xi residenti pewwa Triq San Pietru . Is-Sindku kkonferma li din ġiet irranġatha.

16.10.3 Il-Kunsillera Ritienne Caruana staqsiet meta Triq San Nikola ħa tkun lesta, minħabba l-ispiri li qegħdin ta' periklu. Is-Sindku għal dan wieġeb li ħa ssir fil-

ġimgħat segwenti kien hemm xi problema bil-livelli. Is-Sindku qal li kienu qed jaħmdu fuq dan biex b'hekk tkun tista' titkompla t-triq.

16.10.4 Il-Kunsillier Joseph Schembri semma' l-ġemelaġġ ta' Rousset fejn ħa jerġa' jintbagħat email biex naraw jekk hemmx iktar interess min-naħa tagħhom biex dan jerħa jseħħ.

## 16.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

16.11.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru ____ kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

16.11.2 Il-Kunsilllera Loranna Bonnici ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. ____ tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sinku Matthew Agius Zammit, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 16.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.12.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

16.12.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju, 2025 fil-17:00hrs.

16.12.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.30.

**Mozzjoni Ref:** /25 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. ______ tiġi approvata.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Loranna Schembri | Matthew Agius Zammit |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Mejju , 2025

Sa. Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** /25/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 15

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Bernice Caruana |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 9 ta' Mejju , 2025

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**